MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2956/1996/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Ottubru 1996 pprezentata bin-numru 2596/96/VDG kif jidher a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ilhom mizzewgin xi hdax-il (11) sena u miz-zwieg taghhom kellhom erbat (4) itfal l-izghar minnhom tewmin, kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

Illi peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, minacci w ingurji gravi kommessi kontriha *da parte* tal-istess zewgha kif ukoll tkissret irrevokabilment;

Illi peress li ghal dawn ir-ragunijiet , l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civli sabiex tipprocedi f' dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) Digriet Numru 1213/96) Dok. "A" kif debitament ipprorogat;

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konguji Grima minhabba sevizzi, minacci w ingurji gravi li B kkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. It-tfal minuri fuq imsemmija jigu affidati lill-attrici salv id-dritt tal- access tal-konvenut;

3. L-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi ghaliha u ghat-tfal b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

4. Jigi applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed. )** *in toto* jew *in parte;*

5. Tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg prozjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, *okkorrendo* b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta’ xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diverasament presjeduta mill-Onorevli Imhallef Noel Arrigo datat 9 ta’ Frar 1998 li bih il-kawza giet appuntata ghall-24 ta’ Marzu 1998.

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tas-16 ta’ Lulju 1996 (re Onorevoli Imhallef Albert Manche) fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri giet moghddija f’idejn l-attrici fil-waqt li l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedha l-ammont ta’ Lm200.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-24 ta’ Marzu, 1998 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut B, datata 1 ta’ Lulju 1999, a fol. 19, fejn eccipixxa:-

1. Illi l-eccipjenti ma jahti ghall-ebda wahda mill-aggravji allegati dwaru mill-attrici, ghax ghall-kuntrarju, kienet hi li arbitrarjament, qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali bil-habi tal-eccipjenti, hatfet taht idejha lill-erba’ (4) wlied minuri tal-partijiet u rrifjutat li terga’ lura fid-dar mal-eccipjenti ghal raguni valida;

2. Illi t-tieni talba hija nfondata, billi huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tkun kongunta;

3. Illi l-attrici ghandha dhul adegwat ghaliha nnifisha, u fi kwalunkwe kaz, hija f'qaghda li tipprovdi ghall-ghixien taghha, kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u l-eccipjenti m' ghandux ghalhekk jigi kkundannat jibqa' jhallasha manteniment;

4. Illi t-talba tal-attrici ghad-dekandenza tal-konvenut mill-jeddijiet kontemplati fl-**artikolu 48**, ladarba mhix basata fuq il-kawzali kontemplati fl-**artikolu 38 u 41** m' hijiex sostenibbli fid-dritt u kwantu bbasata fuq l-**Artikolu 50**, mhix gustifikabbli fic-cirkostanzi;

5. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda, billi l-eccipjenti m' ghandu xejn f' idejh li jappartieni lill-attrici *stante* li qabel harbet mid-dar, kienet hadet hsieb li ggor kulma riedet waqt li zewgha ma kienx id-dar;

6. Illi dwar il-hames talba, l-eccipjenti jirrimetti ruhhu;

7. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjazazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 2 ta' Lulju 1998, fejn din il-Qorti nnominat lill Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti bhala Dok. "MB1" a fol. 33 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 22 ta' Ottubru 1998, 4 ta' Novembru 1998, 23 ta' Novembru 1998 u 9 ta' Dicembru 1998 minn fol. 33 sa fol. 87 u dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota tal-attrici datata 10 ta' Novembru 1998, a fol. 90, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha ta' 36 faccata minn fol. 91 sa fol. 126 tal-process

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datat 1 ta' Dicembru 1998, fejn il-partijiet talbu bir-rispett lil din il-Qorti sabiex

joghgobha tirrilaxxja lix-xhieda rapprezentati tal-Banek imsemmija mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jiddeponu fil-kawza premessa u jipproducu d-dokumentazzjoni mitluba minnhom ghall-fini tal-kawza.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta datat 9 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti b' erbat (4) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 22 ta' Jannar 1999, fejn il-Qorti giet infurmata minn l-attrici u min Dr. J.R. Micallef ghall-konvenut li l-provi kienu qed jingabru.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta' April 1999, a fol. 133a fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tesenta lix-xhieda rappresentatni tal-Banek A.P.S. Bank Limited u Lomard Bank Malta p.l.c. mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jixdhu fil-kawza u jipproducu dokumentazzjoni mitluba mill-partijiet.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta kif inghad datat 13 ta' April 1999, a fol. 133b, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti.

Rat il-verbal datat 22 ta' April 1999 fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta laqghat it-talba mitluba fir-rikors datat 12 ta' April 1999.

Rat il-verbal datat 6 ta' Lulju 1999.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 15 ta' Settembru 1999 u l-atti kollha relattivi u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 17 ta' April 2000.

Rat il-verbal datat 24 ta' Jannar 2000.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fid-9 ta' Dicembru 1999 u fis-7 ta' Frar 2000 minn fol. 134 sa fol. 145 fejn ma instemghet l-ebda xhieda u gew esebiti biss xi dokumenti;

Rat l-avviz datat 12 ta’ Gunju 2000 u l-verbal tas-seduta datata 7 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 15 ta’ Gunju 2000, 3 ta’ Lulju 2000, 24 ta’ Novembru 2000, 14 ta’ Dicembru 2000, 20 ta’ Frar 2001, 27 ta’ April 2001 u 14 ta’ Mejju 2001 minn fol. 146 sa fol. 158.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 13 ta’ Lulju 2001, 7 ta’ Settembru 2001 u 5 ta’ Ottubru 2001 fejn saru biss verbali.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 15 ta’ Settembru 1999, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tawtorizzaha tressaq persuni bhala xhieda, kif ukoll li tali persuni jipproducu d-dokumentazzjoni relattiva ghat-testimonjanza taghhom fl-atti tal-kawza.

Rat il-verbal datat 17 ta’ April 2000, fejn gie trattat tali rikors. Il-Qorti laqghat it-talba, peress illi wahda mit-talbiet citattivi hija l-likwidazzjoni tal-manteniment il-Qorti jidhrilha illi l-interess tal-gustizzja tirrikjedi li jingabru provi fuq id-dhul kollu tal-intimat u dana anke in proprjeta’ parafernali tieghu.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati 6 ta’ Marzu 2002 u 29 ta’ Jannar 2002. Fejn ghal darba ohra ma’ instemghet l-ebda xhieda.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta datat 10 ta’ April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita

quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-2 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 25 ta' April 2002, a fol. 166A, fejn talbet bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna seduti sabiex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu quddiem l-Assistenza Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi, sabiex wara tghaddi ghas-sentenza, u dan wara li l-istess attrci attirat l-attenzjoni tal-Qorti li hija kienet ilha iktar minn sena li ghalqet il-provi taghha.

Rat id-digriet datat 26 ta' April 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti u lill-Assistenta Gudizzjarja bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut B, datata 17 ta' Mejju 2002, a fol. 166D.

Rat id-digriet datat 21 ta' Mejju 2002, a fol. 166E, fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b' terminu ta' erbghin (40) gurnata u gie ordnat lil Assistenta Gudizzjarja biex tiffissa zewg (2) seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, inkluza dik gia ffissata mill-Assistenta Gudizzjarja u wara l-istess seduti l-Assistenta Gudizzjarja kellha tirritorna l-process ghall-finali trattazzjoni ghat-2 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 2 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa tlett (3) seduti ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut datata 7 ta' Frar 2003, a fol. 168, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u erbatax-il (14) dokument.

Rat ir-rikors tal-konvenut B, datat 19 ta' Frar 2003, a fol. 233, fejn talab li din il-Qorti biex joghgobha tillibera lill-rapprezentanti tal-Banek mis-sigriet professjonali taghhom sabiex ikunu jistghu jezebixxu statements u jixhdu fuqhom.

Rat id-digriet datat 20 ta’ Frar 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b’dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, difensuri, Perit Legali jew Assistant Gudizzjarju u lil Qorti.

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 5 ta’ Frar 2003 ta’ 39 faccata apparti dokumenti esebiti minn fol. 169 sa 207 tal-process u dokumenti minn fol. 208 sa fol. 228 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, datati 5 ta’ Ottubru 2001, 11 ta’ Gunju 2002, 10 ta’ Settembru 2002, 28 ta’ Ottubru 2002, 26 ta’ Frar 2003.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Frar 2003, fejn Dr. Chris Vella ghall-konvenut informa lil Qorti li f’ seduta wahda kellu jaghlaq il-provi tieghu.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti ordnat li kellha ssir l-ahhar seduta ghall-konkluzjoni tal-provi fl-20 ta’ Mejju 2003 fis-1.00pm quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi u wara tali seduta l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, datati 21 ta’ Frar 2003, 13 ta’ Frar 2003, 16 ta’ April 2003 u 5 ta’ Mejju 2003 minn fol. 254 sa fol. 417.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, datati 20 ta’ Mejju 2003 u 11 ta’ Gunju 2003 minn fol. 420 sa fol. 426.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2003, fejn Dr. Chris Vella ghall-konvenut iddikjara li hlief ghar-rikors dwar l-isfilz ta’ l-affidavit ma baqax iktar provi. Il-Qorti, minhabba n-numru ta’ dokumenti li gew esebiti, ordnat lill-attrici biex tipprezenta nota spjegattiva dwar dak li qed tippretendi fil-kawza taghha b’ referenza diretta ghad-dokumenti esebiti, indikati bil-pagni taghhom fi zmien 40 gurnata, b’ kopja lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi.

Rat il-verbal datat 24 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti fakret lill-partijiet li l-kawza ilha mill-1996. Il-partijiet dikkijaraw li huma t-tnejn teachers. Il-mara taqla' erbgha mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm420) net, mentri r-ragel jaqla' erbgha mija u hamsin Liri Maltin (Lm450) net, li ghandu warehouse li kien mikri lil "The Housekeeper" ghal sebgha liri u hamsin centezmu (Lm7.50) kuljum, liema kirja twaqqfet xahar ilu, u li ghandu wkoll hames garages mikrija bil-mitejn lira (Lm200) l-wiehed fis-sena. Dr. Lorraine Schembri Orland pprezentat nota spjegattiva. Dr. Chris Vella kellu jirrispondi ghaliha fi zmien tlettin (30) gurnata. Pero' l-Qorti nnutat li ladarba l-fatti jew uhud minnhom huma kif verbalizzat, kull parti kellha taghmel il-konteggi taghha u tasal ghal ftehim dekoruz ghaz-zewg nahat. Fin-nuqqas il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni tal-istess, anke a fini ta' spejjez ta' kawza.

Rat in-nota spjegattiva tal-attrici rigward il-pretensjonijiet taghha, datata 24 ta' Marzu 2004, minn fol. 432 sa fol. 441.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut ghan-nota tal-attrici prezentata fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2004, datata 23 ta' April 2004, minn fol. 442 sa fol. 454.

Rat il-verbal datat 18 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Chris Vella ghall-konvenut talab iz-zmien biex jaghmel kontro-replika. Il-Qorti laqghat it-talba w ipprefiggiet lill-konvenut erbghin (40) gurnata biex jaghmel dan. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat ir-rikors tal-konvenut B datat 14 ta' Novembru 2003, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisfilza l-affidavit ta' George Cini mill-atti ta' din il-kawza.

Rat id-digriet datat 18 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta b' dan li l-konvenut b' nota fi zmien jumejn kellu jindika f' hiex wasal fil-provi tieghu.

Rat ir-risposta tal-attrici A, datata 31 ta' Mejju 2004.

Rat il-kontro-replika tal-konvenut ghar-replika ghar-replika tal-attrici li giet prezentata fis-17 ta’ Mejju 2004.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti nnotat li konvenut kien ghadu ma aderixxiex ruhhu mad-digriet datat 18 ta’ Novembru 2003 u ordnatlu biex jaghmel dan minnufih.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 21 ta’ Jannar 2005 fejn cahdet it-talba.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONJIET.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha tal-partijiet jirrizultalha li l-allegazzjonijiet kollha attrici dwar ir-responsabilita’ ta’ din is-separazzjoni gew ilkoll ppruvati ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti u fil-grad ta’ prova necessarja skond il-ligi, b’dan li gie ppruvat li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, u kien proprjament dan li wassal lill-attrici li ma setghatx izjed toqghod fid-dar konjugali u fil-fatt l-istess attrici kienet kostretta li tohrog mid-dar konjugali mid-19 ta’ Gunju 1996.

Illi t-tezi tal-konvenut li l-attrici telqet mid-dar kapriccozament ma’ hijiex konvincenti u ma’ tistax titwemmen minn din il-Qorti – u dan aktar u aktar meta l-istess konvenut jaghti l-impressjoni u jissottmetti li ma’ kien hemm xejn ta’ gravita’ partikolari bejn il-partijiet li setgha jwassal ghal din il-firda personali – firda li *de facto* issa ilha mad-disa’ snin, fejn l-istess attrici kellha tghix ma’ l-erba’ uliedha, filwaqt li zewgha baqa’ jghix fid-dar konjugali u wkoll zbank mas-Lm17,000 mid-depoziti bankarji, u fil-fatt dan fih innifsu jikkonferma u jikkoroboraha wahda mill-allegazzjonijiet attrici, minn fejn

jirrizulta li l-konvenut waqt il-konvivenza tieghu ma’ l-attrici ried jikkontrolla kull spiza li kienet issir minn martu u minn uliedu b’mod ghal kollox esegerat u assfizzjanti u f’dan il-kuntest wiehed jirreferi ghal affidavit ta’ l-attrici fejn hemm diversi ezempji ta’ dan kollu.

Illi apparti dan jidher u jirrizulta li ghalkemm il-mezzi tal-konvenut u l-introjtu tal-konvenut anke minhabba diversi kirijiet kien dejjem wiehed ta’ certu sostanza, xorta wahda huwa kien xhih ma’ martu u ma’ uliedu, u fil-fatt dan kien id-disgwid principali bejn il-konjugi, li ta lok ghal hajja ta’ frustrazzjoni ghall-attrici u ghall-uliedha, li kkonstringewha sabiex tohrog tahdem u anke tissubbixxi vjolenza domestika *da parte* tal-konvenut, apparti ngurji gravi, kemm id-dar quddiem uliedha u kif ukoll barra mid-dar. Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti ma’ thossx li l-versjoni tal-konvenut tista’ titwemmen, u l-argument li gab li huwa ried biss u dejjem li ssehh rikonciljazzjoni, ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti, mhux l-inqas peress li bl-agir tieghu f’din il-kawza huwa dejjem agixxa sabiex jcahhad lill-attrici anke minn dak li huwa taghha, u dan anke bl-izbank ta’ l-imsemmija flus.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li f’dan il-kuntest l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u dan peress li din il-firda personali qed issehh minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f’eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-konvenut ghad-dannu ta’ l-attrici li minhabba l-istess il-hajja konjugali bejn il-konjugi tkisser irremedjabilment.

Illi dwar kura u kustudja tat-tfal li ghadhom minuri din ghandha tkun kongunta fis-sens li decizjonijiet dwar skola, sahha, u affarijiet importanti fil-hajja ta’ l-istess ulied ghandha tigi deciza bejn iz-zewg partijiet, b’dan pero’ li l-istess minuri ghandhom jibqghu jghixu ma’ ommhon l-attrici, kif ilhom jghixu ghal dawn is-snin kollha, izda l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri bil-mod segwenti:-

(a) fil-granet ta’ l-iskola fl-ewwel gimgha kull nhar ta’ Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.30.p.m. u nhar ta’ Gimgha mill-

4.00.p.m. sas-Sibt fis-7.30.p.m. u fit-tieni gimgha kull nhar ta’ Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.30.p.m. u nhar ta’ Sibt mit-8.00.a.m. sal-Hadd fis-7.30.p.m.

(b) Illi fil-granet tal-vaganzi kull nhar ta’ Tnejn mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m., kull nhar ta’ Erbgha mit-8.00.a.m. sat-8.00.a.m. tal-Hamis u nhar ta’ Hadd mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m. u fit-tieni gimgha nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m. u nhar ta’ Sibt mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m.

Illi dwar manteniment ghall-attrici jidher li kull parti ghandha l-introjtu taghha, u fil-fatt l-attrici ddikjarat li hija qliegh ta’ Lm420 nett fix-xahar filwaqt li r-ragel iddikjara li huwa jaqla’ is-somma ta’ Lm450 nett fix-xahar u dan minbarra li kien jikri warehouse u hames garaxxijiet kif indikat fil-verbal tal-24 ta’ Marzu 2004.

Illi dwar manteniment tal-minuri jirrizulta li *pendente lite* l-istess konvenut kien qed ihallas manteniment ta’ Lm200, li kien jinkludi manteniment ukoll ghall-mara minkejja l-fatt li kienet tahdem – ghalkemm jidher ukoll li f’dan il-perjodu tal-kawza l-istess attrici kellha spejjez konsiderevoli mhux l-inqas ghal l-edukazzjoni ta’ uliedha u wkoll sabiex hija tkun tista’ tirresjedi ma’ l-istess uliedha, spejjez li hija inkorriet in gran parti mill-introjtu taghha, *stante* li l-kontribuzzjoni tal-konvenut baqghet biss ta’ Lm200 fix-xahar ghalkemm meta l-istess ulied kienu mieghu mhux eskluz li hallas xi spejjez zghar ulterjuri. Pero’ mal-introjtu tal-konvenut apparti l-impjieg li kellu jirrizulta li huwa wkoll kellu dhul sostanzjali minn kirijiet ta’ garaxxijiet u *warehouse* li huma proprjeta’ parafernali tieghu, introjtu li baqa’ jdahhal tul l-istess kawza, u liema ammonti jammontaw ghal figura mhux negligibbli li skond l-konvenut tammonta ghal cirka Lm2,000 fis-sena, ghall-attrici ferm aktar. Jekk wiehed jiehu l-ammonti ta’ kera fis-sena kif indikat mill-attrici fin-nota taghha dawn jammontaw ghal cirka Lm3,535.97 fis-sena, u ghalhekk tenut kont ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-istess konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedu li ghadhom minuri fl-ammont ta’ Lm240 fix-xahar, (Lm80 ghall kull wild) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-

residenza ta' l-istess attrici, *oltre* li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri, inkluzi donazzjonijet, mizati, kotba, uniformi, trasport u privat malli jigu prezantati lilu l-kontjiet relattivi.

Illi dwar ix-xoljimnent tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti thoss li l-istess ghandha tigi ddikjarat xolta b'effett minn din is-sentenza u ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess din il-Qorti *arbitro boni viri* tiddikjara li ghandha tigi diviza bil-mod segwenti:-

(a) kull parti ghandha zzomm fil-pussess taghha l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu ghandu jew ghandha skond dak propost u indikat fid-dokument immarkat bhala Dok. “FG4” a fol. 440 tal-process, izda inkluz li l-attrici ghandha tigi wkoll assenjata l-vettura tal-marka Toyota CAP – 259 b'dan pero' li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala kumpens ghall-valur izjed ta' ghamara li huwa zamm fil-pussess tieghu l-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500).

(b) Illi l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' disa' t'elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' Lm19,387.50 li giet zbankata mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, (ghalkemm l-konvenut jammetti li gibed biss Lm17,412.20). Minbarra l-ammont ta' Lm9,693.75 l-konvenut ghandu jhallas fuq l-istess ammont imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sal-effettiv pagament.

(c) Illi kull kont iehor bankarju li ghadu ezistenti bejn il-partijiet ghandu jibqa' fil-pussess tal-parti li fuq isimha huwa intestat tali kont, inkluz l-kont HSBC 006 111737 – 100 fuq l-attrici, b'dan li kull depozitu favur wiehed jew aktar mill-minuri u wlied tal-partijiet ghandu jibqa' tal-minuri izda ghandu jigi amministrat mill-attrici.

(d) Illi huma dovuti wkoll mill-konvenut lill-attrici nofs l-ammont ta' benefikati li saru fid-dar matrimonjali li baqghu

wkoll jigu gawduti mill-konvenut u dan fl-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,672) kollox kif indikat fin-nota u dokumenti attrici esebiti anke bhala Dok. "FG 5" u ghalhekk l-istess konvenut huwa ordnat li jhallas dan l-istess ammont lill-attrici,

(e) Illi l-istess konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12,374.50) rappresentanti nofs l-ammont ta' kirijiet fl-ammont totali ta' Lm24,749.01, li l-istess konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza ghall-kera ta' garaxijiet kollha u l-mahzen li huma proprjeta' parafernali tieghu, liema kirjiet u introjtu ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti – tali kirjiet indikati fix-xhieda moghtija fil-15 ta' Gunju 2000 u fix-xhieda tal-14 ta' Dicembru 2000 u indikati ukoll f'Dok. "AB 1" – "AB5" u "AB 6", u wkoll fin-nota spjegattiva attrici ta' l-24 ta' Marzu 2004.

(f) Illi l-azzjonijiet ta' Farsons li baqa' ghandhom jigu asenjati biss lill-konvenut.

(g) Illi dwar oggetti parafernali ta' l-attrici dawn jinsabu indikati fil-lista dokument "FG 3" a fol. 439 tal-process, liema oggetti baqghu kollha fil-pussess tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu, u ghalhekk din il-Qorti tordna wkoll *arbitro boni viri* li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) *per saldo* ghall-pretensjonijiet attrici dwar il-proprjeta' parafernali taghha li baqghet fil-pussess u gawduta mill-konvenut anke *pendente lite* u ghalhekk ghal snin shah.

**KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inknwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess** b'dan illi**:-**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konguji Grima minhabba eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li B kkommetta kontra martu l-attrici, kawza ta’ liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrevokabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma’ ghadhiex aktar possibbli;

2. Tilqa’ din it-talba fis-sens li l-kura u kustodja tat-tfal li ghadhom minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet fis-sens Ii decizjonijiet dwar edukazzjoni, sahha, u affarijiet importanti fil-hajja ta’ l-istess ulied ghandha tigi deciza flimkien bejn iz-zewg partijiet, b’ dan pero’ li l-istess minuri ghandhom jibqghu jghixu ma’ ommhom l-attrici, kif ilhom jghixu ghal dawn is-snin kollha, izda l-istess konvenut ghandu jkollu access ghal l-istess minuri bil-mod segwenti:-

(a) fil-granet ta’ l-iskola fl-ewwel gimgha kull nhar ta’ Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.30.p.m. u nhar ta’ Gimgha mill-4.00.p.m. sas-Sibt fis-7.30.p.m. u fit-tieni gimgha kull nhar ta’ Hamis mill-4.00.p.m. sas-7.30.p.m. u nhar ta’ Sibt mit-8.00.a.m. sal-Hadd fis-7.30.p.m.;

(b) Illi fil-granet tal-vaganzi kull nhar ta’ Tnejn mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m., kull nhar ta’ Erbgha mit-8.00.a.m. sat-8.00.a.m. tal-Hamis u nhar ta’ Hadd mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m. u fit-tieni gimgha nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m. u nhar ta’ Sibt mit-8.00.a.m. sat-8.00.p.m.;

3. Illi din il-Qorti, apparti dak li ser jinghad iktar il-quddiem f’din is-sentenza, tiddikjara li f’ din il-kawza din il-Qorti ma hijiex ser tilqa’ t-talba ta’ manteniment ta’ l-attrici mill-konvenut u dan pero’ biss peress li llum l-attrici ghandha impjieg u introjtu taghha; tordna wkoll li l-istess ulied tal-partijiet li ghadhom minuri jigu mantnuti mill-attrici, anke peress li qed jghixu maghha, b’dan pero’ li l-konvenut qed jigi ordnat sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri fl-ammont ta’ mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) fix-xahar, (Lm80 ghal kull wild) pagabbli kull xahar bil-quddiem lill-attrici fir-residenza

taghha, *oltre* li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri, inkluzi donazzjonijet, mizati, kotba, uniformi, trasport u privat malli jigu prezantati lilu l-kontijiet relattivi;

4. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (1984 ed. )** *in toto;*

5. Illi dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tilqa' t-talba u tiddikjara xolta l-istess b'effett minn din is-sentenza u ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess din il-Qorti *arbitro boni viri* tiddikjara li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi diviza bil-mod segwenti:-

(a) kull parti ghandha zzomm fil-pussess taghha l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu ghandu jew ghandha skond dak propost u indikat fid-dokument immarkat bhala Dok. "FG4" a fol. 440 tal-process, izda inkluz li l-attrici ghandha tigi wkoll assenjata l-vettura tal-marka Toyota CAP – 259 b'dan pero' li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala kumpens ghall-valur izjed ta' ghamara li huwa zamm fil-pussess tieghu l-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500);

(b) Illi l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' disa' t'elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) rappresentanti nofs l-ammont tas-somma ta' dsatax-il elef, tlett mija, sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm19,387.50) li giet zbankata mill-konvenut minn diversi depositi bankarji kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti tal-banek, u dan l-ammont ta' disa' t' elef, sitt mija u tlieta u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm9,693.75) ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici bl-imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sal-effettiv pagament;

(c) Illi kull kont iehor bankarju li ghadu ezistenti bejn il-partijiet ghandu jibqa' fil-pussess tal-parti li fuq isimha huwa intestat tali kont, inkluz l-kont HSBC 006 111737 – 100 fuq l-attrici, b'dan izda li kull depozitu favur wiehed

jew aktar mill-minuri w ulied tal-partijiet ghandu jibqa' tal-minuri izda ghandu jigi amministrat mill-attrici;

(d) Illi huma dovuti wkoll mill-konvenut lill-attrici nofs l-ammont ta' benefikati li saru fid-dar matrimonjali li baqghu wkoll jigu gawduti mill-konvenut u dan fl-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1,672) kollox kif indikat fin-nota u dokumenti attrici esebiti anke bhala Dok. "FG 5" u ghalhekk l-istess konvenut huwa ordnat li jhallas dan l-istess ammont ukoll lill-attrici,

(e) Illi l-istess konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12,374.50) rappresentanti nofs l-ammont ta' kirijiet fl-ammont totali ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija, disgha u erbghin lira Maltija u centezmu (Lm24,749.01), li l-istess konvenut dahhal u inkassa fil-mori tal-kawza ghall-kera ta' garaxijiet kollha u l-mahzen li huma proprjeta' parafernali tieghu, liema kirjiet u introjtu ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kollox kif fuq indikat;

(f) Illi l-azzjonijiet ta' Farsons li baqa' ghandhom jigu assenjati biss lill-konvenut;

(6) Illi dwar is-sitt talba attrici w allura dwar oggetti parafernali ta' l-attrici dawn jinsabu ndikati fil-lista dokument "FG 3" a fol. 439 tal-process, liema oggetti baqghu kollha fil-pussess tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu, u ghalhekk din il-Qorti tordna wkoll *arbitro boni viri* li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) *per saldo* ghall-pretensjonijiet attrici dwar il-proprjeta' parafernali taghha li baqghet fil-pussess u gawduta mill-konvenut anke *pendente lite* u ghalhekk ghal snin shah;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla kontra l-konvenut;

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless miz-zmien kollu li din il-kawza damet pendenti, mill-pika esegerata tal-

partijiet fil-mori tal-kawza fejn minkejja l-inkoraggiment tal-Qorti sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim dekoruz ghat-tnejn, l-istess partijiet baqghu jillitikaw dwar kull punt mertu tal-kawza odjerna, mill-mod li l-istess partijiet ressqu l-provi taghhom fejn it-tnejn damu is-snin sabiex ghalqu l-provi taghhom, u wkoll kissru kwazi kull digriet tal-Qorti dwar it-terminu meta kull parti kellha tressaq il-provi taghha, apparti l-fatt li saru numru sostanzjali ta' seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja nominata fejn l-ebda wahda mill-partijiet ma' resqet provi, b'dan ghalhekk li minhabba u kawza ta' dan din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------